41977D0323

ID-DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI tal-5 ta' April 1977 dwar is-sede temporanja tal-Qorti ta' l-Awdituri

(77/323/KEE, Euratom, KEFA)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tat-8 ta' April 1965 fuq is-sede temporanja ta' ċerti istituzzjonijiet u dipartimenti tal-Komunitajiet [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 77 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, ta' l-Artikolu 216 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u ta' l-Artikolu 189 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, huwa meħtieġ li jsiru arranġamenti għas-sede temporanja minn fejn topera l-Qorti ta' l-Awdituri, stabbilita bit-Trattat tat-22 ta' Lulju 1975, li jemendaw ċerti disposizzjonijiet finanzjarji tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u tat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej,

IDDEĊIDEW:

Artikolu 1

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha jkollha s-sede tagħha fil-Lussemburgu, li għandu jkun il-post temporanju minn fejn din topera, fi ħdan it-tifsira tad-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tat-8 ta' April 1965 fuq is-sede temporanja ta' ċerti istituzzjonijiet u dipartimenti tal-Komunitajiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-istess data bħat-Trattat tat-22 ta' Lulju 1975 li jemenda ċerti disposizzjonijiet finanzjarji tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej u t-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-5 ta' April 1977.

Il-President

D. OWEN

[1] ĠU L 152, tat-13.7.1967, pġ. 18.